MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 3209/1996/1



**Marlene Attard**

**vs**

**Anthony Attard**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici datata 11 ta' Novembru 1996 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fit-13 ta' Awissu 1972 u mill-imsemmi zwieg il-kontendenti kellhom tlett itfal, u cioe' Stefan, Kenneth u Brian;

Illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti m' ghadhiex aktar possibbli minhabba sevizzi, eccessi, theddid, ingurji gravi,

adulterju w abbandun tad-dar konjugali da parti tal-konvenut;

Illi l-attrici giet debitament awtorizzata illi tipprezenta din l-istanza permezz ta' digriet f' dan is-sens moghti mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili Dok. "A" u aktar tard renovat mill-istess Qorti Dok. "B";

Illi, l-istess attrici tablet lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara u tordna s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan bi htija esklussiva tal-konvenut *stante* sevizzi, eccessi, theddid, ingurji gravi, adulterju w abbandun tad-dar konjugali da parti tal-konvenut fil-konfront tal-attrici u talli wkoll iz-zwieg tkisser b' mod irrimedjabbli;

2. Tawtorizza lill-attrici tghix separata mill-konvenut zewgha;

3. Tordna illi l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri u cioe' Kenneth u Brian ahwa Attard, tigi fdata lill-attrici salv l-access tal-konvenut fil-granet u l-hinijiet stabbiliti mill-Qorti;

4. Tikkundana lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici martu, ghaliha u ghall-imsemmija tfal, dik ir-retta alimentarja xierqa u adekwata illi tigi ffissata mill-istess Qorti, skond il-mezzi tal-konvenut u l-bzonnijiet tal-attrici, pagabbli mill-konvenut lill-istess attrici martu fil-gimgha jew fix-xahar kif ordnat minn din il-Qorti jew jekk hekk jidher xieraq lill-istess Qorti, tordna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici minflok dak il-manteniment kollu jew parti minnu, somma globali li fil-fehma tal-Qorti tkun bizzejjed sabiex l-attrici tkun finanzjarjament indipendenti jew anqas dipendenti mill-konvenut;

5. Tapplika kontra l-konvenut interament jew in parti, id-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 48 tal-Kodici Civili (Kap. 16);**

6. Tillikwida u tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tassejna parti wahda lill-attrici u l-ohra lill-konvenut u mhux necessarjament fi kwoti ugwali;

7. Tordna illi d-dar taz-zwieg tigi okkupata eskluzivament mill-attrici sabiex tkompli tista' tghix fiha ma' uliedha;

8. Tawtorizza lill-attrici illi tirregistra ossija tnizzel fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn dina l-Qorti;

Bl-ispejjez komprizi dawk inkorsi fil-proceduri quddiem is-Sekond' Awla ta' din il-Qorti kontra l-konvenut illi hu ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici, il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti a fol. 3 u 4 tal-process;

Rat id-dokumenti esebiti nkluz id-Digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili Numru 440/96 fejn l-attrici nghatat Lm100 manteniment ghaliha u Lm150 bhala manteniment ghall-uliedha, apparti li l-kura u l-kustodja gew moghtija lilha bi dritt ta' acces favur il-konvenut kif miftiehem bejn il-partijiet (fol. 7);

Rat li l-kawza giet prezentata fil-11 ta' Novembru 1996 quddiem l-Onorevoli Imhallef Vincent de Gaetano.

Rat ir-rikors ta' Marlene Attard datat 21 ta' Jannar, 1998 minn fol. 9 sa fol. 11 tal-process fejn talbet umilment lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tati direttivi u provvediment sabiex il-kawza tigi appuntata b' urgenza, ir-rikorrenti tinghata smiegh halli l-Qorti tipprovidi illi l-konvenut jigi allontanat mid-dar konjugali pendenti l-esitu tal-kawza.

Rat id-digriet tat-22 ta' Jannar 1998 mill-Onorevoli Imhallef Noel Arrigo fejn il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontro-parti bi zmien erbghat ijiem tar-risposta.

Rat ir-risposta tal-konvenut Anthony Attard datata 3 ta' Frar 1998 minn fol. 13 sa fol. 14 tal-process.

Rat id-digriet datat 3 ta' Frar 1998, fejn il-Qorti appuntat ir-rikors ghas-smiegh.

Rat il-verbal tar-rikors datat 16 ta' April 1998.

Rat il-verbal tar-rikors datat 9 ta' Lulju 1998.

Rat li l-kawza giet appuntata minn din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Noel Arrigo datat 9 ta' Lulju 1998 u dan ghas-16 ta' Settembru 1998.

Rat il-verbal quddiem din il-Qorti hekk diversament presjeduta datat 16 ta' Settembru 1998, fejn il-Qorti giet infurmata li kien hemm possibilita' ta' separazzjoni bonarja.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Anthony Attard datata 24 ta' Settembru 1998 a fol. 27 u 29 tal-process fejn eccipixxa bir-rispett:-

1. Illi hu ma jopponix ghas-separazzjoni personali, *purche'* li din tigi pronunzjata ghall-tortijiet tal-attrici innifisha. Di fatti gja pproceda b' citazzjoni kontra l-attrici f' kawza li tinsab differita quddiem din l-istess Qorti ghad-29 ta' Ottubru 1998, biex jottjeni dikjarazzjoni f' das-sens;

2. Illi ma ghadx hemm minuri li dwarhom tista' tintalab kura u kustodja jew alimenti ghax uliedu llum kollha maggorenni u ghandhom l-*income* taghhom;

3. Illi l-eccipjent gja qed ihallas il-manteniment li ordnat is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili u li hu l-massimu li jista' jhallas bhala persuna *boarded out* u li ghandu djun kbar;

4. Illi d-dar taz-zwieg tappartjeni lill-eccipjent bhala assi partikolari tieghu u martu ilha li harget minnha zmien twil u ghalhekk la hi dar taz-zwieg u lanqas tappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti. Ghalhekk ma tistax tigi assenjata lill-attrici jew okkupata minnha eskluzivament kif mitlub;

5. Illi hu ma jopponix ghax-xoljiment u divizzjoni w assenjazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, *purche'* li din issir b' mod li jirrispekkja l-valur reali tal-beni in komun u d-djun ezistenti;

6. Illi l-konvenut m' ghandux ibaghti s-sanzjonijiet mitluba fil-hames talba;

7. Illi salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut Anthony Attard u l-lista tax-xhieda a fol. 27 u fol. 28 tal-process.

Rat il-verbal datat 29 ta' Ottubru 1998, fejn il-partijiet flimkien mad-difensuri taghhom infurmaw lil Qorti li s-separazzjoni konsenswali ma sehhitx.

Rat ix-xhieda tal-attrici Marlene Attard datata 7 ta' Dicembru 1998 minn fol. 31 sa fol. 48 tal-process u tad-19 ta' Frar 1999 fejn xehdu Brian Attard u Kenneth Attard fl-atti tar-rikors ta' l-attrici imsemmi (fol.50 sa fol. 91).

Rat il-verbali datati 16 u 27 ta' April 1999.

Rat ir-rikors tal-konvenut Anthony Attard datat 7 ta' Jannar 1999 li gie degretat fit-13 ta' Lulju 1999.

Rat il-verbal datat 26 ta' Lulju 1999.

Rat ix-xhieda ta' Stefan Attard datata 14 ta' Mejju 1999 minn fol. 96 sa fol. 120 tal-process.

Rat is-seduta mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Mariella Gonzi fit-12 ta' Ottubru 1999.

Rat il-verbal datat 18 ta' Ottubru 1999, fejn il-Qorti giet infurmata li anke fir-rigward tal-provi dwar it-talba ghall-allontament mid-dar konjugali dawna kienu ghadhom qieghdin jingabru u in fatti kien hemm is-seduti ffissati.

Rat is-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Mariella Gonzi fl-14 ta’ Ottubru 1999 fejn xehed Stefan Attard, fit-18 ta’ Novembru 1999 fejn ma’ sar xejn, fl-24 ta’ Novembru 1999 fejn xehed Stefan Attard, fis-7 ta’ Dicembru 1999 fejn ma’ sar xejn u fil-15 ta’ Dicembru 1999 fejn ukoll ma’ sar xejn, kollox minn fol. 122 sa fol. 134 tal-process.

Rat il-verbal datat 21 ta’ Dicembru 1999.

Rat is-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Mariella Gonzi fl-4 ta’ Frar 2000 fejn xehed Kenneth Attard, fis-16 ta’ Marzu 2000 fejn xehed Stefan Attard u fit-3 ta’ April 2000 fejn xehed il-konvenut, kollox minn fol. 136 a fol. 151 tal-process.

Rat il-verbal datat 12 ta’ Mejju 2000.

Rat is-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Mariella Gonzi fil-21 ta’ Gunju 2000 fejn ma’ sar xejn u fil-5 ta’ Lulju 2000 fejn ukoll ma’ sar xejn kif jidher a fol. 153 u fol. 154 tal-process.

Rat il-verbal datat 9 ta’ Ottubru 2000.

Rat il-verbal datat 24 ta’ Novembru 2000.

Rat is-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Mariella Gonzi fid-9 ta’ Frar 2001 fejn ma’ sar xejn u fid-9 ta’ April 2001 fejn ukoll ma’ sar xejn u dan kif jidher minn fol. 157 u fol. 158 tal-process.

Rat il-verbal datat 13 ta’ Gunju 2001, fejn Marlene Attard *tramine* d-difensur taghha nfurmat lill-Qorti li kienet sejra tipprezenta rikors biex tinzamm is-seduta tal-31 ta’ Lulju 2001 li giet kancellata minn Anthony Attard u / jew fir-rigward tad-dar matrimonjali.

Rat is-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Mariella Gonzi fis-19 ta’ Settembru 2001 fejn ma’ sar xejn, fid-9 ta’ Ottubru 2001 fejn ma’ sar xejn u fil-5 ta’

Novembru 2001 fejn ukoll ma' sar xejn kollox kif jidher minn fol. 160 sa fol. 162 tal-process.

Rat il-verbal datat 19 ta' Novembru 2001.

Rat is-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Mariella Gonzi fil-5 ta' Dicembru 2001, fis-19 ta' Frar 2002 u fil-10 ta' April 2002 fejn fl-ebda seduta ma' sar xejn u dan kif jidher minn fol. 164 sa fol. 167 tal-process.

Rat l-avviz tal-Qorti datat 10 ta' April 2002, fejn gie ordnat li din il-kawza tigi differita quddiem din il-Qorti kif attawalment presjeduta ghat-3 ta' Ottubru 2002.

Rat is-seduta mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Mariella Gonzi fl-4 ta' Lulju 2002 a fol. 169 u fol. 170 tal-process fejn ma' sar xejn.

Rat in-nota ta' Marlene Attard a fol. 171 tal-process fejn giet esebita sentenza tal-Qorti tal-Magistrati datata 23 ta' Lulju 1997.

Rat ir-rikors ta' Marlene Attard, datat 19 ta' Lulju 2002 fejn talbet bir-rispett lil din l-Qorti biex tordna lil zewgha jghaddilha c-cwievet tal-fond li jinsab f'Bugibba halli *pendente lite*, hija tkun tista' taccedi fil-fond u tghix fih flimkien mat-tlett uliedha guvintur.

Rat id-digriet datat 22 ta' Lulju 2002, fejn il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontroparti b' 24 siegha ghar-risposta.

Rat ir-risposta tal-konvenut Anthony Attard datata 7 ta' Novembru 2002.

Rat id-digriet datat 8 ta' Novembru 2002, fejn il-Qorti ordnat lill-attrici sabiex permezz ta' nota fi zmien jumejn millum tiddikjara jekk hijiex ser tirrinunzja ghall-effetti tad-Digriet tat-2 ta' Mejju 1996 u ghar-rikors tal-21 ta' Jannar 1998.

Rat id-digriet datat 3 ta' Dicembru 2002, fejn il-Qorti laqghat it-talba w ippreffiggiet lill-intimat terminu ta'

sebghat ijiem biex jghaddi c-cwievet tal-fond f’ Bugibba lir-rikorrenti, li ghandha tghix fl-istess fond bl-eskluzjoni tal-intimat, filwaqt li rriservat li tipprovdi dwar l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti fi stadju ulterjuri. Il-Qorti ordnat in-notifika ta’ dan id-digriet lill-intimat a spejjez tar-rikorrenti.
Rat il-verbal datat quddiem din il-Qorti kif presjeduta tat-3 ta’ Ottubru 2002.

Rat in-nota tal-konvenut Anthony Attard datata 27 ta’ Novembru 2002, li permezz taghha esibixxa l-affidavit tieghu, li jinsab minn fol. 187 sa fol. 191.

Rat in-nota tal-Assistent Gudizzjaru Dr. Mariella Gonzi a fol. 212 tal-process.

Rat il-verbal datat 6 ta’ Marzu 2003, fejn il-Qorti ffissat seduta ghall-konkluzjoni tal-provi tal-partijiet.

Rat in-nota tal-attrici Marlene Attard datata 2 ta’ Mejju 2003, a fol. 214, li permezz taghha prezentat l-affidavit taghha, li jinsab a fol. 215 u fol. 216.

Rat il-verbal datat 7 ta’ Mejju 2003, fejn Dr. Michael Tanti Dougall informa lil Qorti li baqa’ biss li tinzamm l-ahhar seduta ghall-kontro-ezami tal-konvenut. Il-Qorti ordnat lill-Assistent Gudizzjarju Dr. Mariella Gonzi biex tiffissa seduta ohra ghall-provi li fadal tal-attrici sa l-ahhar ta’ Gunju 2003.

Rat in-nota tal-Assistent Gudizzjarju Dr. Mariella Gonzi a fol. 219 tal-process.

Rat is-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju Dr. Mariella Gonzi fil-5 ta’ Novembru 2002, fil-15 ta’ April 2003 fejn xehed il-konvenut, fit-12 u fis-26 ta’ Mejju 2003 fejn ma’ sar xejn, u fit-30 ta’ Gunju 2003 fejn xehdet l-attrici. Tali seduti jinsabu minn fol. 220 sa fol. 236 tal-process.

Rat in-nota tal-Assistent Gudizzjarju Dr. Mariella Gonzi a fol. 237 tal-process.

Rat is-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Mariella Gonzi fit-12 ta' Mejju 2003 fejn xehdet l-attrici.

Rat in-nota guramentata tal-attrici Marlene Attard u d-dokumenti maghha prezentati, datata 1 ta' Lulju 2003.

Rat ir-rikors tal-attrici Marlene Attard, datat 30 ta' Settembru 2003, fejn talbet bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti biex joghgobha tawtorizza u tordna li ssir seduta ohra ghall-kontro-ezami tal-intimat Anthony Attard qabel is-7 ta' Ottubru 2003, liema data giet iffissata ghall-finali trattazzjoni.

Rat id-digriet datat 1 ta' Ottubru 2003, fejn il-Qorti laqghat it-talba.

Rat is-seduta mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Mariella Gonzi fil-25 ta' Settembru 2003.

Rat in-nota tal-attrici Marlene Attard a fol. 258 u fol. 259 tal-process.

Rat il-verbal datat 7 ta' Ottubru 2003, fejn il-Qorti ordnat li tinzamm l-ahhar seduta fl-14 ta' Ottubru 2003 ghall-kontroezamijiet relattivi, u wara tali seduti l-provi huma dikjarati maqghluqa.

Rat is-seduta mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Mariella Gonzi fl-14 ta' Ottubru 2003.

Rat in-nota tal-Assistent Gudizzjarju Dr. Mariella Gonzi.

Rat il-verbal datat 19 ta' Novembru 2003, fejn il-Qorti ordnat lid-difensur tal-attrici biex jipprezenta nota qasira bil-pretensjoni taghha b' referenza ghall-provi u dokumenti prodotti ndikati bil-pagni fi zmien erbghin (40) jum mid-data tal-verbal bin-notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollu erbghin (40) jum biex jirrispondi.

Rat in-nota tal-attrici Marlene Attard datata 19 ta' Novembru 2003

Rat in-nota tal-attrici Marlene Attard datata 29 ta’ Dicembru 2003.

Rat in-nota tal-konvenut Anthony Attard datata 13 ta’ Frar 2004.

Rat il-verbal datat 21 ta’ April 2004, fejn il-partijiet flimkien mad-difensuri taghhom iddikjaraw li bhalissa hemm manteniment ta’ hamsa u sebghin lira (Lm 75) ghall-mara b’ digriet *pendente lite.* Il-konvenut qed jitlob li dan jitnaqqas ghal hamsin lira (Lm 50). Dwar id-dar matrimonjali l-konvenut sostna li din hija parafernali u ghaldaqstant ghandha tibqa’ tappartjenti lilu. Il-konvenut offera li l-mara tiehu l-flat u hu jiehdu l-ghalqa, minkejja l-valur. Dr. Michael Tanti Dougall ghall-attrici rrileva li l-attrici qed tippretendi manteniment ta’ mija u ghoxrin lira (Lm 120) fix-xahar, li taqbel li d-dar hija parafernali u tindika fin-nota x’ qed tippretendi bhala sehem fil-komunjoni tal-akkwisti bhala benefikat. Dwar il-proposta tal-flat u l-ghalqa l-attrici qed tippretendi li filwaqt li tiehu l-flat, tiehu wkoll nofs l-ghalqa peress li l-konvenut nefaq il-flus kollha tal-komunjoni.

Illi ghall-korettezza din il-Qorti tordna li l-provi kollha migbura fil-kawza fl-ismijiet inversi **“Anthony Attard vs Marlene Attard”** (Citaz. Numru 3242/96) ghandhom jghoddu bhala provi wkoll f’din il-kawza u *vice-versa* u fil-fatt din il-Qorti qed tordna l-konnessjoni tal-kawzi *stante* li z-zewg kawzi jittrattaw dwar is-separazzjoni bejn il-partijiet.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat ix-xhieda kollha prodotta anke fil-kawza fl-ismijiet inversi.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

## I) PROVI PRODOTTI.

Rat ix-xhieda tal-attrici Marlene Attard datata 7 ta' Dicembru 1998, li tinsab minn fol. 31 sa fol. 48. Rat ukoll ix-xhieda ta' Brian u Kenneth, ahwa Attard li huma ulied il-kontedenti minn fol. 50 sa fol. 91, it-tnejn datati 19 ta' Frar 1999. Ix-xhieda nstemghat quddiem il-Qorti.

Rat l-affidavit tal-attrici Marlene Attard, li jinsab a fol. 215 u fol. 216 u li gie prezentat permezz ta' nota datata 2 ta' Mejju 2003.

Rat ukoll l-affidavit tal-konvenut Anthony Attard, li jinsab minn fol. 187 sa fol. 191 u li gie prezentat permezz ta' nota datata 27 ta' Novembru 2002.

## II) APPREZZAMENT TAL-PROVI PRODOTTI.

Illi din hija kawza ta' separazzjoni bejn il-partijiet illi ilha pendenti mis-sena 1996, ghalkemm kif jidher mill-verbali fuq indikati giet appuntata biss f' Settembru 1998.

Illi madankollu l-istess partijiet hadu biss biss mid-data ta' l-ewwel appuntament sitt (6) snin sabiex resqu l-provi u s-sottomissjonijiet taghhom, u hija bla dubju l-opinjoni tal-Qorti li din il-kawza, bhal hafna ohrajn bhala twallet bla bzonn anke minhabba pika esegerata tal-partijiet, f'dan il-kaz parti iktar minn ohra kif ser jigi espost iktar il-quddiem, u wkoll peress li l-partijiet lanqas kienu diligenti kif iressqu l-provi tant li numru kbir ta' seduti quddiem l-Assistenta Gudizzjarja Dr. Mariella Gonzi thassru propru minhabba nuqqasjiet tal-partijiet.

Illi dwar il-kwistjoni ta' separazzjoni, il-partijiet joffru versjonijiet differenti fejn kull parti twahhal fin-naha l-ohra bhala kawza ta' separazzjoni; din il-Qorti ezaminat il-provi kollha prodotti u thoss bla ebda dubju kwalunke li l-versjoni attrici giet kollha kemm hija ppruvata anke ghaliex ikkorroboratha minn ulied il-partijiet kollha; Kenneth Attard, Brian Attard u Stefan Attard, li lkoll flimkien ma' ommhom spjegaw bl-iktar mod car kif l-istess missier dejjem tratta hazin lil ommhom u anke lil uliedu stess u

jirrizulta li l-istess konvenut kien aggressiv mhux biss lejn martu izda wkoll lejn uliedhu, fejn ghaliex proprju kienu jiddefendu lill ommhom mit-trattament tieghu lejha, huwa kien ukoll kecca lill-kbir mid-dar tieghu u in linja generali dejjem hadha u sa certu punt ipprova jivvendika ruhhu minn uliedhu stess tant li ghamel minn kollox anke fil-mori ta-kawza sabiex bl-ebda mod ma jikkontribwixxi ghall-edukazzjoni taghhom wara li saru maggorenni; fil-fatt l-istess ulied, ghalkemm sabu ruhhom ma' ommhom barra mid-dar konjugali, sostnew b'mod l-aktar lampanti l-agir abbusiv ta' l-istess missier fil-konfront ta' ommhom; jirrakontaw ukoll kif l-istess konvenut kien abbanduna d-dar konjugali fis-6 ta' Frar 1995, fejn jidher li l-istess kellu relazzjoni stabbli ma' certu Antonia Resta, u wara xi sentejn l-istess konvenut b'arroganza rega' dahal fid-dar konjugali, ha' l-kamra tieghu kecca lil ibnu l-kbir mid-dar, u rrenda l-hajja ta' l-istess attrici mizera ghal kollox, u dan billi beda; jnehhi l-affarijiet u oggetti essenzjali li kien hemm fl-istess dar. Fl-ahhar mill-ahhar l-istess attrici kienet kostretta tabbanduna d-dar konjugali u s-sitwazzjoni ghadha hekk sallum. Bla dubju din il-Qorti kif presjeduta thoss li dan huwa kaz klassiku iehor fejn is-socjeta' u wkoll l-awtoritajiet kompetenti hallew l-istess vittma tbati u certament li dan ma ghandux jithalla jsir, u ghalhekk hemm bzonn li din il-Qorti tinghata l-ghodda li ghandha bzonn sabiex kazijiet bhal dawn jinghataw rimedju fil-hin. Din il-Qorti tirreferi f'dan il-kuntest ghax-xhieda tal-attrici u ta' ulied l-kontendenti fosthom Stefan Attard u Kenneth Attard li anke jsemmu ncidenti ta' vjolenza u din il-Qorti tirreferi wkoll ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati presjeduta mill-Magistrat Carol Peralta datata 23 ta' Lulju 1997 fejn l-istess konvenut kien instab hati li hedded u sawwat lil martu (fol. 172).

Illi dwar r-relazzjoni ma' Antonia Resta li l-istess konvenut jiddiskrivi bhala biss habiba tieghu u li ghenitu fi zmienijiet difficcli, din il-Qorti ma' ghandha l-ebda dubju dwar dan, izda mill-provi l-istess hbiberija ma' jidhirx li kienet wahda platonika kif qed jindika l-istess konvenut, izda kienet iktar minhekk, u dan ghaliex l-istess uliedhu jghidu li hija kienet tmur ghandu meta kien abbanduna d-dar konjugali u mar

jghix San Pawl il-Bahar u dan apparti li jidher ukoll li l-istess konvenut kien ikun spiss id-dar taghha tant li applika ghal-linja tat-telefeon ghalih, rregistra karozza awtorizzata li tidhol f'St. George's Park fl-indirizz taghha, u hemm allegazzjonijiet li xtara djamanti u oggetti prezjuzi lilha, ghalkemm dan ukoll huwa michud mill-konvenut; fl-opinjoni ta' din il-Qorti pero' x-xhieda moghija mill-attrici u ulied il-partijiet flimkien mad-dokumenti esebiti mill-attrici b'nota a fol. 258 tal-process, jindikaw li l-istess konvenut kellu relazzjoni serja ma' l-istess persuna.

Illi huwa veru li l-konvenut jikkonesta dan kollu u jghid li l-istess uliedu gew imxewwxa minn ommhom – pero' dan huwa kaz fejn illum l-ulied tal-kontendenti huma maggorreni u fil-veru sens tal-kelma rgiel, u mhux xi tfal zghar; certament jirrizulta mix-xhieda s-sens ta' pika u reazzjoni tal-missier lejn l-istess uliedhu, fejn din il-Qorti tghid li mill-provi u bil-mod kif ireagixxa f'din il-kawza, l-konvenut ipprova litteralment iwegghhom, fejn wera ruhu li lanqas kien dispost jghinhom fl-ispejjez ghall-istudju taghhom – anzi f'dan iz-zmien delikat ta' adoloxxenza taghhom l-istess konvenut ireagixxa negattivament kontra taghhom bil-mod anke minnhom deskritt, b'dan li certament ghamel il-hajja taghhom iktar difficli; dan apparti li l-istess ulied il-kontendenti kienu kostretti jghixu barra minn darhom, u wkoll f'fondi li certament ma' kienux adattati sabiex jilqghu fihom kemm lill-attrici u kemm tlett guvintur.

Illi dan qed jinghad peress li anke matul il-kawza l-istess konvenut baqa' jghix fid-dar konjugali u l-kumplament tal-familja kienet kostretta tghix ghand omm l-attrici u wara hafna snin l-attrici bdiet tghix fil-post taghhom Bugibba u dan wara li din il-Qorti kellha tintervjeni b'ordni *ad hoc* permezz ta' digriet datat 3 ta' Dicembru 2002 sabiex tordna lill-konvenut sabiex jghaddi c-cwievet ta' l-istess fond lill-attrici – u dan anke peress li ghalkemm bil-kliem u anke fis-sottomissjonijiet qal li huwa kien dejjem dispost li jghaddi c-cwievet ta' l-istess fond lill-attrici, in verita' dan ma' ghamlux qabel ma kien hemm id-digriet imsemmi ta' din il-Qorti u dan aktar minn sitt snin wara li giet istitwieta din il-kawza.

Illi mhux hekk biss izda tul dawn il-proceduri kollha l-istess konvenut ghamel minn kollox sabiex bl-ebda mod ma jghin lil uliedu li kienu ghadhom qed jistudjaw, u dan minkejja li hareg *boarded out* mix-xoghol tieghu u rcieva l-ammont ta’ Lm7,100, mill-liema ammont ma’ ghadha xejn lil martu. Dan apparti li utilizza kont u self ta’ *flexicredit* ghal iskopijet tieghu, u fondi u oggetti ohra ghall-uzu personali tieghu, u fil-konfront ta’ martu u uliedhu kien u baqa’ iebes ferm tul il-proceduri kollha ta’ din il-kawza.

Illi fil-fatt jidher car, u dan anke mix-xhieda tieghu stess li l-iskop tal-konvenut f’din il-kawza kien principarjament biex jaghmel dak kollu possibbli sabiex huwa jilhaq jakkwista kemm jiflah, u fil-fatt jidher li sborsja somom sostannzjali ghall-iskopijiet tieghu, (u hawn il-Qorti qed tirreferi ghas-somma li rcieva meta irtira mix-xoghol, is-self li ha mill-bank, l-fatt li zamm il-kirja tal-fond ta’ San Giljan ghalih, l-bejgh tal-Life Policy u dan minghajr il-kunsens ta’ martu, u atti ohra), mentri l-intenzjoni tieghu kienet li jghabbi l-komunjoni tal-akkwisti b’dejn, tant li huwa jsostni li hemm diversi dejn ma’ terzi persuni, dejn li mill-fondi li kellu f’idejh huwa naqas li jipprova jhallas. Dan apparti li fiz-zmien li kien abbanduna lill-attrici u lil uliedhu ma’ kienx qed ihallas manteniment lill-attrici.

Illi ghalhekk abbazi tal-premess l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha b’dan li l-konvenut ghandu jigi ddikjarat eskussivament u unikament responsabbli ghall-firda personali bejn il-partijiet u dan minhabba li huwa kien hati *verso* l-attrici ta’ sevizzi, theddid, adulterju, ingurji gravi u abbandun tad-dar konjugali, u li kawza ta’ l-istess l-konvivenza bejn il-partijiet ma’ baqghetx iktar possibbli u ghalhekk iz-zwieg tkisser irremedjabilment.

Illi dwar manteniment ghal ulied; li llum huma kollha maggoreni, u fil-kaz tal-attrici ma’ hemm l-ebda dubju li l-attrici ghandha dritt li tigi mantnuta mill-konvenut u din il-Qorti thoss li ghandha taddotta d-digriet taghha datat 13 ta’ Lulju 1999 biss bhala <u>parti</u> mill-obbligu ta’ manteniment tal-konvenut lill-attrici u tordna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici s-somma ta’ Lm75 fix-xahar b’dan li tali

manteniment lill-attrici ghandu jitnaqqas direttament mill-introjtu tal-istess konvenut "*at source*" u jintbaghat direttament lill-istess attrici fir-residenza taghha, bl-istess mod li kien qed isir sa issa bid-Digriet tas-Sekond' Awla datat 20 ta' Settembru 1996 u bid-Digriet ta' din il-Qorti tat-13 ta' Lulju 1999, u tordna notifika ta' dan id-Digriet lill-*Accountant General* u d-Direttur tas-Servizzi Socjali, tali notifika a spejjez tal-attrici. Dan apparti dak li ser jinghad iktar il-quddiem.

Illi dwar il-likwidazzjoni u divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti din il-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-agir tal-konvenut f'din il-kawza li pprova b'kull mod javvantagga ruhhu mill-assi tal-komunjoni, u mill-introjtu tal-komunjoni b'dannu ghall-attrici u ghall-assi tal-komunjoni, li kienu u baqaw, anke tul l-istess kawza, kollha kkontrollati minnu. Fil-fatt l-attrici tallega li proprju minhabba dan il-kontrol, huwa ttenta jisforza lill-attrici fi ftehim bl-iskop li jiehu dak li jrid, u fin-nuqqas ta' l-istess ftehim, huwa kompla iktar ikun iebes mal-attrici. Din il-Qorti thoss li dan kollu kemm huwa gie ppruvat anke jekk wiehed ihares lejn il-mod kif l-istess konvenut agixxxa f'din il-kawza u l-kontenut tal-provi tieghu.

Illi in sostenn ta' dan gja inghad li l-konvenut meta hareg *boarded out* ircieva s-somma ta' Lm7,100 liema somma zamm ghalih; rrizulta wkoll li  sakemm kellu l-appartament f'San Giljan, li sussegwentment inbiegh mill-bank b'subbasta baqa' jdahhal il-kera ta' Lm150 fix-xahar bla ma qatt ghadda xejn il-attrici; utilizza self mill-bank taht *flexicredit* (Lm3,874 – Dok. "H" – fol. 275) ghall-iskopijiet tieghu, u dan bla ma bl-ebda mod ikkonsulta jew ha l-kunsens tal-attrici - anzi kollox sar bil-mohbi taghha; jirrizulta wkoll li  sarraf il-Life Policy li kien hemm ezistenti u dan ukoll minghajr ma' l-attrici  kienet taf bl-istess u naturalment zamm is-*surrender value* ta' l-istess; dan apparti spejjez ohra li ghamel ghalih innifsu u oggeti li ha anke mid-dar matrimonjali anke fi zmien meta anke kien naqas li jmantni lill-attrici u lil uliedha anke meta dawn kienu ghadhom minorenni u f'dan il-kuntest din il-Qorti tirreferi gha-xhieda tal-attrici u t-tlett ulied tal-partijiet.

Illi *in vista* ta' dan din il-Qorti tassenja l-fond Flat 8, St. Paul's Court, Pioneer Road, Bugibba kollu lill-attrici, b'dan ghalhekk li sehem il-konvenut mill-istess fond qed jigi assenjat kollu lill-attrici u dan kemm bhala kumpens lill-attrici ta' diversi spejjez u ammonti ta' flus appartenenti lill-konunjoni tal-akkwisti li l-istess konvenut utillizza ghall-iskopijiet personali tieghu u dan anke b'mod abbusiv u kemm b'applikazzjoni wkoll tal-**artikolu 54 (2) u (6) tal-Kap. 16.**

Illi din il-Qorti tordna li l-porzjoni ta' art konsistenti hames sesti indivizi minn prozjon diviza ta' art imsejjha "Ta' Ciromblu sive Ta' Geunia", fil-kontrada ta' Delimara, limiti taz-Zejtun, tal-kejl superficcjali komplessiv ta' ghoxrin tomna u tlett kejliet kollox kif deskritt fil-kuntratt pubbliku datat 5 ta' Mejju 1993 fl-atti tan-Nutar Tonio Spiteri li jinsab esebit a fol. 246 tal-process ghandha tinbiegh in subbasta u mill-istess ghandu jithallas id-dejn kollu li hemm fil-komunjoni tal-akkwisti u li qed jigi hawn indikat konsistenti fil-kontijiet tad-dawl u ilma tal-flat fuq imsemmi fl-ammont ta' Lm173.58 – Dok. "A2" esebit mal-affidavit tal-konvenut; l-ammont ta' Lm245.55 f'kont tat-telefon – Dok. "A3"; kontijiet ghall-manutenzjoni mal-Lantana Developments Limited – Dok. "A4" u arretrati ta' cens ta' l-istess flat – skond l-konvenut Lm360 cirka, u l-bilanc mir-rikavat tal-prezz tal-bejgh ta' l-istess immobbli ghandu jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet.

Illi dwar l-allegat dejn ma' huh Angelo Attard, li jidher li jifformaw il-mertu ta' kawzi quddiem il-Qorti tal-Magistrati u indikati mill-konvenut fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tieghu a fol. 305 tal-process, din il-Qorti thoss li l-istess allegat kreditu ma' giex ippruvat mill-konvenut – anzi jidher li dwar dan l-attrici ma' kienet bl-ebda mod involuta; fl-opinjoni ta' din il-Qorti f'din il-kawza ma hemm l-ebda prova ta' dan l-alllegat dejn – anzi din il-Qorti thoss mhux biss li hemm dubju serju dwar l-ezistenza ta' l-istess, izda wkoll li jekk kien hemm ftehim ma' hu l-konvenut dan sar kollu minghajr il-kunsens tal-attrici u ghalhekk kull ammont li jista' jkun dovut lill-Angelo Attard, anke bhala *sorte* u spejjez gudizzjarji konsegwenti ghall-istess kawzi ghandhom jigu ssoportati mill-konvenut, b'dan li jekk l-

attrici tigi b'xi mod konstretta thallas xi ammont mill-istess, hija ghandha dritt ta' rivalsa kontra l-istess konvenut, b'mod li din il-Qorti qed tordna lill-konvenut sabiex jikkompensa lill-attrici f'dan ir-rigward.

Illi bhala sehma mill-komunjoni tal-akkwisti l-attrici qed tigi assenjata minn din il-Qorti wkoll kamra tas-sodda tat-tfal, gradenza ntarzjata mixtrija minghand Joinwell, gradenza ta' zewgt ikxaxen; *grandfather clock*; nofs is-sett tal-borom *waterless*, tlett twapet kbar, u ghalhekk tordna lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju ta' hmistax-il (15) gurnata mid-data ta' din is-sentenza jikkonsenja l-istess lill-attrici fir-residenza taghha u dan a spejjez tieghu.

Illi min-naha l-konvenut qed jigi assenjat l-*bureau*, is-*side table,* nofs is-sett tal-borom waterless, u l-oggetti kollha li ghad hemm fil-fond matrimonjali Marton, Triq it-Tajr, Santa Lucia, inkluz l-valur ta' benedikati li saru fl-istess fond matrimonjali waqt iz-zwieg, li kollha jinsabu fil-pussess tal-konvenut.

Illi din il-Qorti qed tiddikjara bhala beni parafernali ta' l-attrici is-segwenti u cjoe' l-kamra tal-*main bedroom*, l-kamra tal-pranzu, is-salott komplut, id-*dinner sett* ta' 99 bicca, l-arlogg ta' mal-hajt fil-kaxxa tal-kewba, *carpet cleaner*, sett tal-kristall, tlett settijiet lozor, par purtieri tal-bellus, reversable quilt u ghalhekk tordna lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju ta' hmistax-il (15) gurnata mid-data ta' din is-sentenza jikkonsenja l-istess lill-attrici fir-residenza taghha u dan a spejjez tieghu.

Illi min-naha l-ohra tiddikjara bhala beni parafernali tal-konvenut il-fond bl-isem "Marton", Triq Halib it-Tajt, Santa Lucia, *stante* li dan il-fond inxtara f'isem l-konvenut qabel iz-zwieg tieghu mal-attrici.

Illi l-hames talba ghandha tigi milqugha u qed jigu applikati kontra l-konvenut id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 48 tal-Kap 16** *in toto.*

## III. KONKLUZJONI.

Illi għalhekk għal dawn il-motivi, din il-Qorti, taqta' u tiddeċiedi, billi filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut in kwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma' dak hawn deċiż, u filwaqt li **tastjeni milli tieħu konizzjoni tat-tielet talba attrici** *stante* li l-ulied llum saru maġġoreni, u filwaqt li **tiċħad is-seba' talba attrici, tilqa' t-talbiet attrici** l-oħra biss fis-sens hawn deċiż b'dan illi:-

(1) Tiddikjara u tordna s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan bi ħtija esklussiva tal-konvenut, b'dan li qed jiġi ddikjarat unikament responsabbli għall-firda personali bejn il-partijiet u dan minħabba li huwa kien ħati *verso* l-attrici ta' sevizzi, theddid, adulterju, inġurji gravi w abbandun tad-dar konjugali, u li kawża ta' l-istess il-konvivenza bejn il-partijiet ma' baqgħetx iktar possibbli u għalhekk iż-żwieġ tkisser irremedjabilment;

(2) Tilqa' din it-talba u tawtorizza lill-attrici tgħix separata mill-konvenut żewġha;

(3) Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' din it-talba *stante* li l-istess minuri indikati fiċ-ċitazzjoni attrici llum saru magorenni;

(4) Tikkundana lill-konvenut sabiex iħallas lill-attrici martu bħala manteniment għaliha s-somma ta' ħamsa u sebgħin lira Maltija (LM75) fix-xahar, b'dan li tali manteniment lill-attrici għandu jitnaqqas direttament mill-introjtu tal-istess konvenut "*at source*" u jintbagħat direttament lill-istess attrici fir-residenza tagħha, u tordna notifika ta' dan id-Digriet lill-*Accountant General* u d-Direttur tas-Servizzi Soċjali, tali notifiki a spejjeż tal-attrici. Dan apparti dak li ser jingħad iktar il-quddiem. Ma hemm l-ebda manteniment għall-minuri *stante* li kif ingħad dawn saru maġġorenni;

(5) Tapplika kontra l-konvenut interament id-dispożizzjonjiet tal-**artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16);**

(6) Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u dan b'effett mid-data ta' din is-sentenza;

Illi wkoll tordna id-divizjoni u l-assenjazzjoni tal-istess komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet *in vista* ta' dak fuq premess u *arbitro boni viri* din il-Qorti tiddividi l-komunjoni tal-akkwisti bil-mod segwenti:

Illi fl-ewwel lok din il-Qorti tassenja lill-attrici bhala sehma mill-komunjoni tal-akkwisti l-fond Flat 8, St. Paul's Court, Pioneer Road, Bugibba fit-totalita' tieghu b'dan ghalhekk li sehem il-konvenut mill-istess fond qed jigi assenjat kollu lill-attrici u dan ukoll kemm bhala kumpens lill-attrici ta' diversi spejjez u ammonti ta' flus appartenenti lill-komunjoni tal-akkwisti li l-istess konvenut utillizza ghall-iskopijiet personali tieghu u dan anke b'mod abbusiv u kemm b'applikazzjoni wkoll tal-**artikolu 54 (2) u (6) tal-Kap 16 u tal-artikolu 48 ta' l-istess Kap;**

Illi fit-tieni lok din il-Qorti tordna li l-porzjoni ta' art konsistenti hames sesti indivizi minn prozjon diviza ta' art imsejjha "Ta Ciromblu *sive* Ta' Geunia", fil-kontrada ta' Delimara, limiti taz-Zejtun, tal-kejl superficcjali komplessiv ta' ghoxrin (20) tomna u tlett (3) kejliet kollox kif deskritt fil-kuntratt pubbliku datat 5 ta' Mejju 1993 fl-atti tan-Nutar Tonio Spiteri li jinsab esebit a fol. 246 tal-process ghandha tinbiegh in subbasta u mill-istess ghandu l-ewwel jithallas id-dejn kollu li hemm fil-komunjoni tal-akkwisti u li qed jigi hawn indikat konsistenti fil-kontijiet tad-dawl u ilma tal-flat fuq imsemmi fl-ammont ta' mija tlieta u sebghin lira u tmienja u hamsin centezmu (Lm173.58) – Dok. "A2" esebit mal-affidavit tal-konvenut; l-ammont ta' mitejn hamsa u erbghin lira u hamsa u hamsin centezmu (Lm245.55) f'kont tat-telefon – Dok. "A3"; kontijiet ghall-manutenzjoni mal-Lantana Developments Limited – Dok. "A4" u arretrati ta' cens ta' l-istess flat – skond l-konvenut tlett mija u sittin lira (Lm360) cirka, u mbaghad il-bilanc mir-rikavat tal-prezz tal-bejgh ta' l-istess immobbli ghandu jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet;

Illi fit-tielet lok bhala sehma mill-komunjoni tal-akkwisti l-attrici qed tigi assenjata minn din il-Qorti wkoll il-kamra tas-sodda tat-tfal, gradenza ntarzjata mixtrija minghand Joinwell, gradenza ta' zewgt ikxaxen; *grandfather clock*; nofs is-sett tal-borom *waterless,* tlett (3) twapet kbar, u ghalhekk tordna lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju ta' hmistax-il (15) gurnata mid-data ta' din is-sentenza jikkonsenjhom lill-attrici fir-residenza taghha u dan a spejjez tieghu;

Illi fir-raba' lok u min-naha l-ohra din il-Qorti qed tassenja lill-konvenut bhala sehmu mill-komunjoni tal-akkwisti l-*bureau*, is-*side table*, nofs is-sett tal-borom *waterless,* u l-oggetti kollha li ghad hemm fil-fond matrimonjali Marton, Triq Halib it-Tajr, Santa Lucia, inkluz l-valur ta' benefikati li saru fl-istess fond matrimonjali waqt iz-zwieg, u l-vettura ndikata f'dawn il-proceduri li kollha gja jinsabu fil-pussess tal-konvenut. Dan apparti dak li hemm gja provdut dwar il-porzjoni ta' art fuq deskritta;

Illi dwar l-allegat dejn ma' Angelo Attard, hu l-konvenut dan ghandu ghar-ragunijiet fuq indikati jigi sopportat unikament mill-konvenut, inkluz kull *sorte* u spejjez gudizzjarji konsegwenti ghal istess kawzi istitwieti mill-istess Angelo Attard, b'dan li jekk l-attrici tigi b'xi mod konstretta thallas xi ammont mill-istess, hija ghandha dritt ta' rivalsa kontra l-istess konvenut, b'mod li din il-Qorti qed tordna lill-konvenut sabiex jikkompensa lill-attrici f'dan ir-rigward u dan kollox kif inghad iktar il-fuq fl-istess sentenza;

Illi din il-Qorti qed tiddikjara bhala beni parafernali tal-attrici is-segwenti u cjoe' l-kamra tal-*main bedroom*, l-kamra tal-pranzu, is-salott komplut, id-*dinner sett* ta' disgha u disghin (99) bicca, l-arlogg ta' mal-hajt fil-kaxxa tal-kewba, *carpet cleaner,* sett tal-kristall, tlett settijiet lozor, par purtieri tal-bellus, *reversable quilt* u ghalhekk tordna lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju ta' hmistax-il (15) gurnata mid-data ta' din is-sentenza jikkonsenja l-istess lill-attrici fir-residenza taghha u dan a spejjez tieghu;

Illi min-naha l-ohra tiddikjara bhala beni parafernali tal-konvenut il-fond bl-isem “Marton”, Triq Halib it-Tajr, Santa Lucia bil-benifikati kollha tieghu;

(7) Tichad din it-talba *stante* li fic-cirkostanzi llum ma’ hemmx bzonnha;

(8) Tawtorizza lill-attrici illi tirregistra ossija tnizzel fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn dina l-Qorti;

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess konvenut.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------